# Tribunal Industrijali

## Deċiżjoni Nru: 2655

Każ Nru : 3484/ET

Fil-Kwistjoni tax-xogħol

bejn

Luke Randall Vassallo

(K.I. Numru 34790M)

u

Malta Public Transport

Services (Operations) Ltd

( 48875)

Illum : 13 ta' Frar, 2020

*dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

***Chairman*: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt**

**Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-każ:**

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Dr. Andrew Grima nhar il-25 ta' Awwissu 2016, f'isem ir-rikorrent. Ir-rikors espona kif ġej:

Illi r-rikorrent ġie ngaġġat mas-soċjeta' Arriva Malta Ltd. Bħala *shift mechanic full time*, fuq kuntratt indefinit fl-1 ta' Jannar, 2012. Fil-25 ta' Awwissu, 2013, ħa promozzjoni għal *shift leader*.

Illi wara li fl-2013 l-Arriva telqet minn Malta, ir-rikorrent bħal ħaddiema l-oħra ġie trasferit mas-soċjeta' ntimata.

Illi r-rikorrent dejjem qeda dmiru sew u bi professjonalita'.

Illi fil-bidu tal-2016, is-soċjeta' ntimata dehret li riedet teħles mir-rikorrent meta ħarġitlu tlett (3) twissijiet bil-miktub li fil-fehem tar-rikorrent kienu għal raġunijiet 'negliġġibli'.

Kien sar xi forma ta' proċess tad-dixxiplina interna skont il-Ftehim Kollettiv viġenti u permezz ta' ittra datata 11 ta' Mejju, 2016, l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat fuq bażi ta' dixxiplina.

Illi jekk is-soċjeta' ntimata ssostni li r-rikorrent ġie tterminat fuq imġieba, allura huwa evidenti li l-allegazzjonijiet imsemmija ma kienux gravi li jimmeritaw tkeċċija.

Ir-rikorrent iħoss li t-tkeċċija kienet sproporzjonata u bbażata fuq allegazzjonijiet inveritieri u mhux ippruvati u għalhekk id-deċiżjoni ta' tkeċċija hija waħda nġusta u kontra l-Liġi u għaldaqstant it-tkeċċija ma saritx għal raġuni tajba u suffiċjenti skond il-Liġi.

Għaldaqstant ir-rikorrent qed jitlob li t-Tribunal jieħu l-miżuri kollha meħtieġa nkluż kumpens xieraq.

Min naħa tagħha, s-soċjeta' ntimata, permezz ta' l- Avukat tagħha Dr. Paul Gonzi u Dr. Thomas Buġeja rrispondiet għar-rikors tar-rikorrent kif ġej:

Illi r-rikorrent Luke Randall Vassallo, kien oriġinarjament impjegat bħala *semi skilled mechanic* mas-soċjeta' ntimata (dak iż-żmien Arriva Malta Limited) permezz tal-Kuntratt tax-Xogħol indefinit datat 4 ta' Novembru, 2011.

Illi matul is-snin, r-rikorrent ġie promoss minn *semi skilled mechanic* għal *shift mechanic* permezz ta' Kuntratt tax-Xogħol ffirmat nhar l-14 ta' Jannar, 2012, u sussegwentement kien ġie promoss għall-kariga ta' *shift leader*, permezz ta' ittra datata 21 ta' Awwissu, 2013, li permezz tagħha ir-rikorrent ingħata rwol ta' superviżjoni u responsabbilta' fi ħdan l-Engineering Department.

Illi kontrarjament għal dak allegat mir-rikorrent fir-rikors, u wara l-promozzjonijiet imsemmija, l-istess rikorrent kellu storja dixxiplinarja estensiva u ferm ikkulurita, u dan bi ksur tal-fiduċja sħiħa li s-soċjeta' ntimata kienet uriet fil-konfront tar-rikorrent.

Illi f'każ dixxiplinarju li jmur lura għal Ġunju 2014, ittieħdu passi dixxiplinarji *in linea* mal-Ftehim Kolletiv viġenti dak iż-żmien, fejn ir-rikorrent instab ħati ta' *gross misconduct* fuq diversi kapi, meta f'inċident li kawża tan-negliġenza tal-

istess rikorrent, ir-rikorrent inqaleb b'vettura (van) tas-soċjeta' ntimata u konsegwentement kkawża danni lil dina l-vettura.

Illi agħar minn hekk, f'dak il-każ ir-rikorrent kien ukoll inqabad jagħmel rapport falz mal-Pulizijia sabiex jipprova jaħbi għemilu u jevita r-riperkussjonijiet li setgħu iqumu, meta gideb lil Pulizijia u ffabrika verżjoni tal-fatti falza biex jeħlisa ħafif mas-soċjeta'.

Illi in vista tal-gravita' tal-akkadut, sar proċess dixxiplinarju, u s-soċjeta' intimata ħarġet *'Final Written Warning'* datata 3 ta' Lulju, 2014, sabiex twissi lir-rikorrent u tħeġġu jtejjeb għemilu.

Illi tajjeb jiġi rilevat illi ftit xhur biss wara dan l-inċident, ir-rikorrent kien applika sabiex jirċievi promozzjoni oħra għall-kariga ta' *relief supervisor*, iżda din ġiet irrifjutata u dan bħala l-ewwel sinjal illi l-prestizzjoni xejn feliċi tar-rikorrent ma kienetx qegħda tinżel tajjeb mad-diriġenti tas-soċjeta', liema prestazzjoni kompliet tiddeterjora severament fix-xhur ta' wara.

Illi fis-26 ta' Jannar, 2016, inħarġet *charge letter* li tinvolvi r-rikorrent, f'liema *charge letter* ir-rikorrent ġie akkużat illi kien ħalla s-subordinati tiegħu jieħdu *buses* f'ċertu *depots* meta dawn il-*buses* kienu assenjati sabiex imorru f'*depots* oħrajn, kif ukoll illi naqas milli jimla u jirritorna l-*paperwork* appositu illi kellu jimla bħala parti minn dmirijietu. Wara li ingħata ċ-ċans jispjega ruħu u jirrispondi għall-allegazzjonijiet miġjuba kontrih, inħarġet *Written Warning* oħra fil-konfront tar-rikorrent.

Illi ftit ġimgħat wara, ir-rikorrent kellu problema dixxiplinarji oħra, bħala riżultat ta' liema, inħarġu żewġ *charge letters* datati 29 ta' Marzu, 2016, u 19 ta' April 2016, f'liema *Charge letters* is-soċjeta' intimata ressqet akkużi kontra r-rikorrent, nhar it-21 u 28 ta' Marzu, 2016, rispettivament, r-rikorrent kien naqas serjament fil-qadi ta' dmirijietu bħala *Shift Leader*, meta kien naqas milli jieħu ħsieb illi l-*parts* jitqegħdu f'posthom fl-*istores*, naqas milli jelenka l-*parts* użati fuq il-*buses* skond il-proċeduri *standard,* u naqas milli jmexxi u jidderieġi n-nies li jaqgħu taħtu u jaqdi b'mod adegwat l-pożizzjoni ta' responsabbiltà li kienet ġiet fdata lilu.

Illi f'dawn iċ-*charge letters*, is-soċjeta' għamlita ċara wkoll illi " [the] *Company has deposited its confidence on you as shift leader, considering that this is a position of responsibility and that you must supervise your team work and take care of company resources".*

Illi wara li r-rikorrent ingħata ċ-ċans jagħti l-versjoni tal-fatti u jispjega n-nuqqasijiet tiegħu, s-soċjeta ħasset illi dawn l-ispjegazzjonijiet ma kienux veri u suffiċjenti u għaldaqstant ħarġet *'Written Warning'* oħra datata 20 ta' April 2016, f'liema *'Warning'* ir-rikorrent kien imwissi illi *"the Company wants to believe that this incident will not reocccur. Should this not be the case, you would leave the company no other choice but to adopt further disciplinary measures".*

Illi tlett ijiem wara l-aħħar twissija, r-rikorrent għal darb'oħra, reġa naqas serjament minn dmirijietu meta saqsa l-*istorekeeper* għal-ammont ta' parts biex jintużaw fuq il-*buses*, iżda naqas milli jelenka l-użu ta' dawn il-parts fil-*logbook* – u saħansitra reġa staqsa għal-istess parts l-għada (*exhaust fishtail*) – u dan mingħajr l-ebda raġuni valida jew spjegazzjoni.

Illi għalkemm dawn in-nuqqasijiet huma ta' natura serja ħafna. Dan minħabba l-fatt illi huwa essenzjali għas-soċjeta' intimata – bħala operatriċi tat-trasport pubbliku f'Malta – li jkolla *paper trail* dettaljat tal-parts li jiġu użati, inkluż f'liema *buses* jiġu installati, u meta jiġu installati, u dan biex jiġi assigurat illi l-*buses* tas-soċjeta' jkunu mantnuti skond l-*istandards* tal-industrija, u biex b'hekk tiġi assigurata is-saħħa u s-sigurta' ta' kull passiġġier li juża s-servizz tal- MPTSOL.

Illi wara li r-rikorrent ingħata ċ-ċans jispjega ruħu, s-soċjeta' intimata ma kienitx sodisfatta bl-ispjegazzjonijiet provvduti u għaldaqstant issospendiet lir-rikorrent minn xogħolu sakemm sar proċess dixxiplinarju skond il-Ftehim Kollettiv.

Dan il-proċess dixxiplinarju sar nhar is-6 ta' Mejju, 2016, fejn kienu preżenti s-Sur Roderick Bajada bħala Human Resources Director, Hector Astorga bħala Engineering Manager, David Bermejo bħala Enigineering Director u Jose Maria Roa bħala Purchasing & Infrastructure Manager. Waqt is-smigħ is-soċjeta ressqet kontra r-rikorrent ic-*charges* miġjuba kontrih, elenkati fic-*charges letter* datata 27 ta' April 2016, u tghatu smiegħ xieraq u ċ-ċans li jispjega ruħu u jiġġustifika n-nuqqasijiet tiegħu.

Illi wara dan il-proċess dixxiplinarju, s-soċjeta' intimata ħasset illi l-ispjegazzjonijiet u l-verżjoni tal-fatti tar-rikorrent ma kienux jiġġustifikaw l aġir u n-nuqqasijiet ripetuti tiegħu, u in vista (i) tal-prestazzjoni ħażina u ripetuta (ii) n-nuqqasijiet serji fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu li setgħu jikkawżaw danni inġenti lis-soċjeta (iii) u d-diversi twissijiet li kien ingħata matul iż-żmien biex ibiddel għemilu, s-soċjeta' intimata ddeċidiet tittermina l-impjieg tar-rikorrent, permezz ta' ittra datata 11 ta' Mejju 2016.

Illi s-soċjeta' intimata tħoss illi t-terminazzjoni tar-rikorrent kienet ġustifikata, u b'hekk hija terminazzjoni li saret għall-raġuni ġusta u suffiċjenti skond il-Liġi.

Għaldaqstant is-soċjeta' intimata tirrespinġi bis-saħħa kollha l-allegazzjonijiet tar-rikorrent bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u titlob lill-Onorabbli Tribunal jiddikjara u jikkonferma illi t-tkeċċija tar-rikorrent Luke Randell Vassallo saret għal-raġuni ġusta u suffiċjenti, u għalhekk tiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-intier tagħhom ai termini tal Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

Provi

F'dawn il-proċeduri xehdu: Roderick Bajada – HR Director, Jose Maria Roa Ferdandez - Purchasing Manager (permezz ta' Avvidavit), David Bermejo - Enigineering Director, Reno Veneziani – Electrician, Johann Ellul – Acting Shift Leader u r- rikorrent. Ġew esebiti wkoll xi dokumenti.

Kunsiderazzjonijiet u Deċiżjoni

Dan it-Tribunal għandu biex jikkonsidra jekk it-tkeċċija tar-rikorrent, fuq bażi ta' *record* dixxiplinarju ħażin, kienitx ġusta u suffiċjenti skond il-Liġi.

It-tkeċċija saret wara li r-rikorrent ingħata *final written warnings* u *warnings* u proċess dixxiplinarju finali fejn is-soċjeta ntimata ddeċidiet li tittermina l-impjieg tar-rikorrent.

Ir-rikorrent iddikjara li dawn il-każijiet ta' dixxiplina ma kienux gravi u li għaldaqstant, it-tkeċċija kienet deċiżjoni sproporzjonata nkluż allegazzjonijiet mhux ippruvati.

It-Tribunal fela u analizza s-sottomissjonijiet, x-xhieda, l-provi miġjuba u d-dokumentazzjoni kollha u ikkonsidra kif ġej:

Il-*warnings* relatati ma' l-akkumulu li wassal għal tkeċċija jmorru lura għat-3 ta' Lulju 2014. It-tkeċċija saret fil-11 ta' Mejju 2016. Jidher li l-perjodu ta' akkumulu huwa wieħed validu.

Fit-3 ta' Lulju, 2014, ir-rikorrent ġie akkużat b' *gross misconduct* meta nqaleb b'karozza tal-kumpanija u għamel rapport falz lil Pulizija biex jipprova jaħbi l-inċident. Kienet inħarġet *letter of Charge* u Twissija Finali.

Fit-2 ta' Frar 2016, inħarġet *letter of charge* rigward *buses* li ġew assenjati f'*depots* ħżiena u nuqqas ta' dokumentazzjoni relatata. Dak inhar kien inħareġ *written warning.* Fl-20 ta' April 2016, reġa nħareġ *written warning* ieħor fuq żewġ *letters of charge* datati 29 ta' Marzu u 19 ta' April 2016.

Fuq ta' l-ewwel ġara, li fil-21 ta' Marzu 2016, wara li r-rikorrent kellem bit-telefon lil l-*istorekeeper* li kien id-dar biex dan jiġi jiftaħ l-*istore* għal xi part urġenti u meta l-*istorekeeper* ġie, r-rikorrent, għax kien break, ma kellmux u ddeċida jibqa' sejjer bil-break. Dan ġara waqt in-*night shift*. L-*istorekeeper* ġie mil-Mosta sa Ħal Luqa.

Il-*letter of charge* tad-19 ta' April, 2016, tirriferi għall-inċident li ġara fit-28 ta' Marzu, 2016, meta r-rikorrent kien *night shift* bħala *shift leader*. Ġara li filgħodu ħaddiema sabu xi parts mitluqin barra l-istores għax ma tqegħdux f'posthom u parts li ġew użati fuq buses ma ġewx elenkati.

Fit-23 ta' April, 2016, wasal l-aħħar inċident li wassal li s-soċjeta' ntimata tiddeciedi li tittermina l-impjieg. Inħarġet *letter of charge* datata 27 ta' April 2016, li rreferiet li r-rikorrent kien għamel rikjesta għal *parts* mill l-*istores* u ma niżżilx *record* kif kien id-dover li jagħmel fuq liema *buses* dawn il-parts intużaw. Minħabba f'hekk kien hemm ukoll is-*shift* ta' wara li reġa talab l-*istores parts* għal fuq l-istess *buses*.

Is-soċjeta' ntimata, wara dan ic-*charge* ħasset li r-rikorrent ma setgħax ikompli bid-dmirijiet tiegħu bħala *shift leader* u ġie sospiż mix-xogħol sakemm isir il-proċess dixxiplinarju. Dan sar fis-6 ta' Mejju, 2016, fil-preżenza tar-rikorrent u r-rappreżentanti tiegħu u l-Union u l-Maniġment tal-*Workshop* inkluż l-HR Director, l-Engineering Director u l-Engineering Manager. Wara s-soċjeta ddeċidiet li tittermina l-impjieg b'effett mill-11 ta' Mejju 2016.

It-Tribunal analizza bir-reqqa r-rekord dixxiplinarju tar-rikorrent bejn Lulju 2014, u Mejju 2016, fejn inħarġu Twissija Finali, żewġ twissijiet, sospensjoni u finalment tkeċċija.

It-Tribunal innota li r-rikorrent ripetutament naqas b'mod serju mir-responsabbilitajiet fdati lilu. Il-fiduċja fih bażikament kienet intilfet. It-Tribunal ma jaqbilx mar-rikorrent meta iddikjara li l-każijiet msemmija kienu frivoli.

Ir-responsabilitajiet tiegħu kienu konsiderevoli u direttament jew indirettament kienu jinvolvu ħarsien ta' saħħa u sigurtà, valur għoli ferm u effiċjenza.

Ix-xhieda tas-soċjeta mis-sinjuri Roderick Bajada, David Bermejo u ta' Hector Astorga kienet konsistenti.

It-Tribunal innota wkoll li s-soċjeta' mxiet fuq prattiċi tajba u sodisfaċenti ta' dixxiplina.

Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jiddeċidi li t-tkeċċija tar-rikorrent kienet waħda ġusta għal raġuni tajba u suffiċjenti skond il-Liġi.

Għal finijiet tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jiġu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disgħin ewro u zbatax-il ċentezmu. (€93.17).

B' hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja